MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1088/2007

**Domenic Gatt [I.D.151146M] u martu Mary Gatt [I.D.84547M].**

**vs**

**Joseph Cassar [I.D.0663545M].**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-atturi Domenic Gatt et datat 18 ta' Ottubru 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi l-atturi kienu kkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenut il-fond hanut "*The Food Market*" f' Misrah ir-Repubblika, Birzebbugia u dan *ai termini* ta' l-iskrittura Dok. "A".

Illi l-konvenut baqa' morus fil-pagament ta' zewg skadenzi ta' kera u ghalhekk *ai termini* ta' l-istess ftehim ta' lokazzjoni l-atturi kellhom id-dritt li jitterminaw tali lokazzjoni billi javzaw lill-konvenut b' semplici ittra li tigi lilu notifikata;

Illi l-atturi ezercitaw tali dritt taghhom u debitament innotifikaw lill-konvenut (Dok "B") kif ukoll interpellawh sabiex jizgombra mill-fond *de quo* u jikkonsenja c-cwievet fi zmien sebat ijiem (7);

Illi minkejja dan, il-konvenut baqa' la zgombra mill-fond u wisq anqas ma kkonsenja c-cwievet ta' l-istesss;

Illi ghalhekk il-konvenut qed jokkupa l-fond *de quo* minghajr ebda titolu validu fil-ligi u fil-fehma tal-atturi ma ghandu ebda eccezzjoni valida x'jista' jaghti kontra t-talbiet attrici.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-**artikolu 167 (1) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-fond hanut "*The Food Market"* f' Misrah ir-Repubblika, Birzebbugia liema fond huwa qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet l-Avukat tar-rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-tieni talba attrici dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat bl-ispejjez kontra l-intimat.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-intimat, tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) jum minn din is-sentenza jizgombra mill-fond hanut "*The Food Market*" f' Misrah ir-Repubblika, Birzebbugia liema fond huwa qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------